MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 1064/2008/1

**Mario Pickard**

**v.**

**Grace Anderson**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur fit-22 ta’ Ottubru, 2008, li jaqra hekk:
“1. Illi fit-18 ta’ Lulju 1996, gewwa Independence Avenue, il-Mosta, ghall-habta tal-10.15am, waqt illi l-attur kien qieghed isuq vettura tal-ghamla ‘Peugeot’ bin-numru ta’ registrazzjoni K-7197, huwa habat mal-vettura tal-

ghamla ‘Ford’ bin-numru ta’ registrazzjoni B-0310, proprjeta` ta’ John Grech u minsija mill-konvenuta (DOK. ‘A’);

“2. Illi gie riferit lill-attur illi, bhala konsegwenza ta’ din il-kollizzjoni, l-konvenuta ittiehdet l-Isptar San Luqa, Pieta`, tbati minn *shock* u li thalliet tmur id-dar ftit hin wara, waqt li l-attur mar direttament id-dar tieghu wara li sehh l-incident;

“3. Illi, anke fuq parir tal-assikuraturi tieghu, l-attur accetta li kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni fuq imsemmija u ghall-hsarat konsegwenzjali u bhala konsegwenza ta’ tali accettazzjoni, l-assikuraturi tieghu Laferla Insurance Agency Limited hallset lill-imsemmija John Grech id-danni subiti mill-imsemmija vettura bin-numru ta’ registrazzjoni B-0310 bhala konsegwenza tal-incident;

“4. Illi fis-16 ta’ Dicembru 1996 il-konvenuta Grace Anderson ipprezentat ittra ufficjali (DOK. ‘B’) fejn allegat illi bhala konsegwenza tal-kollizjoni fuq imsemmija, hija kienet sofriet dizabbilita` personali u sejjhet lill-attur sabiex ihallasha d-danni naxxenti minn tali dizabbilita`.

“5. Illi, tramite l-assikuraturi tieghu l-attur talab lill-konvenuta sabiex tikkwantifika kwalsiasi danni minnha sofferti izda tali talba giet injorata ghal kollox, tant li sal-gurnata tal-lum l-attur ghadu ma jafx x’qeghdha titlob il-konvenuta;

“6. Illi wara dan l-iskambju, il-konvenuta pprezentat sensiela ta’ ittri gudizzjarji precizament fil-15 ta’ Ottubru 1998, fil-21 ta’ Ottubru 1998, fit-12 ta’ Dicembru 2000, fit-8 ta’ Jannar 2001, fis-17 ta’ Settembru 2003, fis-6 ta’ Settembru 2005, u fil-31 ta’ Awwissu 2007 (kopji annessi u mmarkati DOK. ‘C’, DOK. ‘D’, DOK. ‘E’, DOK. ‘F’, DOK. ‘G’, DOK. ‘H’ u DOK. ‘I’ rispettivament), intizi possibilment sabiex tigi interotta d-dekorrenza tal-perjodu ta’ preskrizzjoni, minghajr pero` ma gabet ’il quddiem il-pretenzjoni taghha permezz tal-kawza.

"7. Illi matul dawn l-ahhar hdax-il sena, il-konvenuta giet ezaminata minn diversi tobba u specjalisti. Dawk l-ispecjalisti illi ezaminawha fuq l-inkariku tal-assikuraturi tal-attur sabu li l-konvenuta ma kenitx qeghdha tbati minn xi dizabbilita` permanenti gej mill-kollizjoni fuq imsemmija tat-18 ta' Lulju 1996 (DOK. 'J', DOK. 'K', DOK. 'L', DOK. 'M' u DOK. 'N').

"8. Illi ghalhekk l-attur qieghed jikkontesta l-pretenzjoni tal-konvenuta, maghmula minnha kif inghad fid-diversi interpellanzi gudizzjarji taghha. Inoltre, l-attur jikkontendi illi kull dritt ta' azzjoni talvolta spettenti lill-istess konvenuta huwa llum estint bl-operazzjoni tal-preskrizzjoni billi l-interpellanzi gudizzjarji fuq imsemmija ma gewx ilkoll pprezentati tempestivament.

"9. Illi kif gia` espost fir-rikors odjern, id-diversi talbiet maghmula mill-attur tul dawn it-tnax-il sena tramite korrispondenza legali sabiex il-konvenuta tiggustifika u tikkwantifika l-pretensjonijiet taghha gew injorati ghal kollox.

"10. Illi l-attur qieghed jistitwixxi dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-konvenuta tressaq il-pretensjoni taghha, jekk din verament tezisti, jew fin-nuqqas, jigi impedut lilha li tagixxi qatt izjed fuq dik il-pretensjoni.

"Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, wara illi t-terminu qasir u perentorju illi jigi prefiss lill-konvenuta minn din l-istess Onorabbli Qorti *pendente litem* sabiex ggib 'il quddiem il-pretensjoni taghha fuq imsemmija b'kawza, jghaddi inutilment minghajr il-prezentata minnha tal-istess kawza, timponi fuq il-konvenuta skeit ghal dejjem dwar il-pretensjoni taghha fuq imsemmija u jigi impedut lill-istess konvenuta li tagixxi qatt izjed fuq dik il-pretensjoni.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 3713/07, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“Illi t-talba attrici kif dedotta hija infondata billi l-attur jaf bizzejjed li l-esponenti ma hijiex qed taghmel xi allegazzjoni fiergha izda bil-maqlub hija intitolata tithallas danni dwar id-dizabbilita` minnha sofferta fl-incident ‘de quo’, u li dwarha qed taghmel il-verifiki medici mehtiega.”

Rat is-sentenza preliminari li tat il-prim’ awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Mejju 2010, li in forza taghha ddecidiet billi:
“Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u ssib li l-imħarrka tassew wettqet millantazzjoni fil-konfront tal-attur bil-pretensjonijiet tagħha għad-danni lilha dovuti minnu u li huwa għandu jedd li jeħles minn tali millantazzjoni jekk kemm-il darba l-imħarrka ma ġġibx ’il quddiem l-azzjoni ġudizzjarja meħtieġa;

“Għall-finijiet tal-artikoli 401(1) u 408 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, qiegħda tordna lill-imħarrka sabiex tressaq il-pretensjonijiet f’kawża sa mhux aktar tard minn erbgħin (40) jum mil-lum; u

“Tħalli l-kawża għas-smigħ ta’ nhar it-Tlieta, 22 ta’ Ġunju, 2010, fid-disgħa ta’ filgħodu, għall-informazzjoni ulterjuri u jekk ikun il- każ għall-provvedimenti meħtieġa fir-rigward.

“Spejjeż riżervati.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“***Ikkunsidrat:***

“Illi din hija azzjoni ta’ jattanza.  L-attur irid li l-imħarrka tingħata żmien minn din il-Qorti biex matulu hija tressaq b’kawża pretensjoni ta’ danni li ilha tressaq kontra tiegħu b’sensiela ta’ ittri uffiċjali dwar ġrieħi u debilita’ li ma tfieqx li hija tgħid li l-attur ikkawżalha f’inċident ta’ ħabta bejn żewġ karozzi li seħħet f’Lulju tal-1996.  Billi għalxejn talabha biex tressaq il-pretensjoni tagħha dwar il-kumpens li tippretendi, u billi l-imħarrka baqgħet qatt ma fetħet kawża biex titlob il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li tgħid li

ġarrbet, fetaħ din il-kawża biex il-Qorti timponiha żmien li fih tmexxi 'l quddiem b'kawża kontrih jew, jekk tonqos li tagħmel dan, li titwaqqaf għal dejjem milli terġa' tressaq il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrka (li talbet u kisbet l-Għajnuna Legali) laqgħet billi qalet li l-azzjoni mressqa mill-attur hija infondata għaliex tgħid li hu jaf li l-pretensjonijiet tagħha m'humiex fiergħa u li għadha qiegħda tagħmel il-verifiki mediċi meħtieġa dwar id-disabilita' tagħna;

"Illi mill-fatti rilevanti li jirriżultaw mill-atti joħroġ li f'Lulju tal-1996 seħħet ħabta bejn żewġ karozzi fi Vjal l-Indipendenza, fil-Mosta. Karozza minnhom kienet qiegħda tinsaq mill-attur u l-oħra mill-imħarrka. L-attur kien aċċetta r-responsabbilta' għall-ħabta. Il-kumpannija assikuratriċi tiegħu ħallset l-ispejjeż lil sid il-karozza li kienet misjuqa mill-imħarrka;

"Illi f'Diċembru tal-1996[1], l-imħarrka bagħtet ittra uffiċjali lill-attur biex titolbu jammetti l-ħtija u jagħmel tajjeb għall-ġrieħi li hija ġarrbet minħabba l-imsemmija ħabta. Din l-ittra bdiet sensiela ta' ittri uffiċjali oħrajn[2] li fihom tenniet l-istess talbiet. Din is-sensiela baqgħet sejra sa Awissu tal-2007. Matul dan iż-żmien, l-imħarrka kienet dehret quddiem konsulenti mediċi li ħallew ċertifikati mediċi wara li rawha[3]. F'Ottubru tal-2007[4] l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrka biex jinterpellaha tiftaħ kawża kontrih fi żmien għaxart ijiem dwar il-pretensjonijiet magħmulin minnha fl-aħħar ittra uffiċjali li kienet bagħtitlu. Billi l-imħarrka baqgħet ma fetħitlu l-ebda kawża, fetaħ din il-kawża ta' jattanza kontriha f'Ottubru tal-2008;

"Illi bħala konsiderazzjonijiet legali dwar din l-azzjoni, jibda biex jingħad li l-azzjoni ta' Jattanza jew, kif ukoll magħrufa, tal-Millantazzjoni tapplika fejn persuna, f'att ġudizzjarju jew xort'oħra bil-miktub, tippretendi li għandha xi jedd kontra persuna oħra. Din tal-aħħar, jekk trid teħles

[1] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess
[2] Dokti "Ċ" sa "I", f'paġġ. 9 sa 15 tal-proċess
[3] Dokti "K", "L", "M" u "N", f'paġġ. 19 sa 37 tal-proċess
[4] Dok "O", f'paġ. 38 tal-proċess

minn tali pretensjoni, għandha l-jedd li tressaq azzjoni sa mhux iżjed tard minn sena minn mindu ssirilha l-pretensjoni, kontra min għamilha, biex il-qorti tordna lil min jippretendi l-jedd li jressaq l-azzjoni għad-definizzjoni ta' dak il-jedd innifsu fiż-żmien mogħti mill-istess qorti[5];

"Illi huwa mgħallem li biex tirnexxi l-azzjoni tal-jattanza jeħtieġ jirriżulta li tkun saret pretensjoni bil-miktub minn min jallega jedd, li l-persuna li kontra tagħha tkun saret il-pretensjoni tkun fil-pussess tal-ħaġa li jrid jikkawtela, li l-pretensjoni tkun waħda spontanja u mhux provokata, u tkun waħda li tista' titmexxa 'l quddiem b'kawża fil-qrati, u li ma tkunx kondizzjonata minn fatt li jista' jseħħ jew jista' ma jseħħx[6]. Biex jista' jingħad li pretensjoni tkun waħda spontanja, irid jirriżulta li din ma tkunx ir-riżultat ta' pretensjoni jew "provokazzjoni" li tkun saritilha mill-parti nnifisha li tkun fetħet il-kawża tal-jattanza[7]. Fuq kollox, l-azzjoni ta' jattanza tolqot biss dawk il-pretensjonijiet li, biex jinżammu 'l quddiem, jeħtieġu azzjoni fil-Qrati: ma tolqotx dawk il-pretensjonijiet li, min jagħmilhom, ma jeħtieġ l-ebda azzjoni għaliex diġa' jgawdi dak li jippretendi jew hu fil-pussess tagħhom;

"Illi għalhekk l-artikolu 403 tal-Kodiċi jrid jingħata tifsira dejqa minħabba li l-azzjoni tal-jattanza għandha l-għan li ġġib fuq il-parti li tagħmel il-pretensjoni tal-jedd is-sanzjoni ta' skiet għal dejjem fuq dik il-pretensjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex jixraq li wie]ed iżomm quddiem għajnejh li r-regoli magħmula mil-leġislatur fid-diversi dispożizzjonijiet li jmexxu dawn il-proċeduri speċjali għandhom dejjem jitqiesu bħala partikolari għalihom jew kontra l-bixra tar-regoli normali. Kemm hu hekk, dwar l-azzjoni tal-jattanza, il-Professur Caruana[8] jfisser din l-għamla ta' azzjoni bħala "...*a violation of the principle that no one may be compelled, against his will, to institute proceedings and reduce to an insignificant term the normal period for the institution of a lawsuit.*"[9] Il-kundizzjonijiet għall-

[5] Art. 403 tal-Kap 12
[6] P.A. TM **11.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Imelda Tabone et vs Agnes Galea et***
[7] Maġ. (Għ) AE **2.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Stella Rapa et vs John Mary Portelli***
[8] *Notes on Civil Procedure*, paġ. 1456
[9] Ara wkoll f'dan is-sens sentenza P.A. **13.12.1930** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gau`i vs Francia*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.332**)

applikazzjoni tagħha, għalhekk, għandhom jitfissru sewwasew kif riedhom il-leġislatur;

"Illi waqt is-sottomissjonijiet tiegħu, l-għaref difensur tal-imħarrka seħaq li l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi għaliex jonqos l-element ta' spontanjeta' fil-pretensjonijiet tal-patroċinata tiegħu. Huwa jgħid dan għaliex ladarba l-attur innifsu jistqarr li huwa kien jaħti għall-ħabta, allura waħdu jsegwi l-effett li l-pretensjonijiet tal-imħarrka dwar il-ħlas tad-danni huma l-effett ta' dik il-"provokazzjoni". Huwa żied jgħid li l-pretensjoni tal-imħarrka lanqas ma hija frott l-istħajjil jew xi waħda fiergħa, għaliex tassew li hija qiegħda ġġorr f'saħħitha l-effetti tal-ġrieħi li ġarrbet fl-istess ħabta;

"Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-imħarrka. Għalkemm jista' jingħad bla dubju li l-attur stqarr il-ħtija tiegħu għall-ħabta, ma kien ressaq qatt xi pretensjoni hu kontra l-imħarrka. Kemm hu hekk, sa ma sid il-karozza misjuqa mill-imħarrka tħallas għal kollox il-kumpens li kien jistħoqqlu għall-ħsara mġarrba fil-karozza tiegħu, lanqas kien hemm ħjiel li l-imħarrka kienet korriet fl-imsemmi inċident jew li kienet saħansitra ġarrbet ġrieħi serji li minnhom ma fiqitx. Fi kliem ieħor, sa dak inhar li stqarr il-ħtija tiegħu dwar il-ħabta, ma kellu l-ebda ħjiel li kien hemm xi pretensjoni oħra (jekk kien hemm) u wisq anqas seta' b'dik l-istqarrija tiegħu "jipprovoka" jew "jistieden" li jitnisslu pretensjonijiet mingħand ħaddieħor. Fit-tieni lok, kienet l-imħarrka li minn rajha (ukoll jekk bi bżonn) ressqet b'att ġudizzjarju l-ewwel pretensjoni tagħha dwar il-kumpens li riedet mingħand l-attur bħala riżultat tal-ħabta. Sa dak il-waqt, dik il-pretensjoni (li mbagħad issarrfet f'sensiela ta' atti ġudizzjarji bl-istess pretensjonijiet fuq medda ta' ħdax-il sena) kienet waħda spontanja. Fit-tielet lok, jirriżulta mix-xhieda mogħtija mill-imħarrka waqt din il-kawża[10] li hija nnifisha tistqarr li trid tibda l-kawża kontra l-attur, iżda qiegħda ssibha ħaġa iebsa ssib avukat biex jidher għaliha;

[10] Xhieda tagħha 15.2.2010, f'paġ. 63 tal-proċess

"Illi, min-naħa tal-attur, hemm ukoll interess ġenwin li dik il-pretensjoni tal-imħarrka ma tibqax imdendla fuqu indefinittivament;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li, meta wieħed iqis l-elementi meħtieġa biex tissejjes l-azzjoni tal-millantazzjoni u meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi fattwali marbutin mal-każ, għandu jirriżulta bla ħjiel ta' dubju li tassew li l-imħarrka wettqet jattanza fil-konfront tal-attur u li dan għandu kull jedd u interess li jara li l-imħarrka ma titnikkirx aktar biex, jekk jidhrilha, tressaq tali millantazzjoni 'l quddiem bl-azzjoni ġudizzjarja meħtieġa;

"Illi l-Qorti tifhem ukoll li, bħalma seħħ f'din il-kawża, l-imħarrka x'aktarx sejra jkollha tirrikorri għall-ħatra ta' avukat għall-Għajnuna Legali u dan jista' b'xi mod jolqot ukoll iż-żmien li fih hija tista' ġġib 'il quddiem l-azzjoni tagħha[11]. Iżda dik iċ-ċirkostanza ma żżommx milli l-attur jista' jressaq l-azzjoni tiegħu u lanqas ma twaqqaf lill-Qorti milli tipprovdi dwar it-talbiet tiegħu;

Rat li b'digriet tat-22 ta' Lulju 2010 il-konvenuta giet awtorizzata tappella mill-imsemmija sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta minnha pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2010, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr li s-sentenza hija gusta u timmerita illi tigi konfermata filwaqt illi l-appell tal-konvenuta ghandu jigi respint bl-ispejjez;

Rat li fl-udjenza tal-5 ta' April, 2011, quddiem din il-Qorti, il-konvenuta appellanti issollevat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 403 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta'

---

[11] Art. 404(2) tal-Kap 12

Malta); din l-eccezzjoniji tqajmet formalment permess ta' Nota ta' Eccezzjonijiet ipprezentata fit-18 ta' Ottubru 2011;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta' jattanza wara incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju, 1996. L-attur, tiramite s-socjeta` assikuratrici tieghu, accetta r-responsabbilita` ghall-habta u hallas ghall-hsara li kien hemm fil-vettura misjuqa mill-konvenuta. Wara xi zmien, il-konvenuta allegat li b'rizultat ta' dak l-incident sofriet griehi personali, u talbet lill-attur jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. L-attur ma accettax li l-konvenuta sofriet danni personali, u l-konvenuta, flok aggixxiet b'kawza, bdiet tinterpella lill-attur biex ihallas permezz ta' diversi ittri ufficcjali li kienet tibghat regolarment sa Awwissu, 2007.

Fid-dawl ta' dan, l-attur ressaq din il-procedura li fiha qed jitlob lill-konvenuta tressaq il-pretensjoni taghha b'kawza fi zmien lilha prefiss mill-Qorti jew altrimenti tkun ikkundannata ghal silenzju perpetwu fil-kuntest ta' dik il-pretensjoni.

Il-konvenuta eccepiet illi l-pretensjoni taghha giet "ipprovokata" bl-agir tal-attur meta ammetta tort ghall-incident u li allura, skont il-gurisprudenza lokali, l-azzjoni ta' jattanza ma tistax tirnexxi. Fl-istadju tal-appell ressqet ukoll l-eccezzjoni tal-"preskrizzjoni".

Trattat l-aggravju principali, huwa principju accettat mill-gurisprudenza taghna li l-millantazzjoni, biex tkun tista' taghti lok ghall-azzjoni ta' jattanza ma tridx tkun provokata.

Skont il-gurisprudenza, biex tirnexxi din l-azzjoni jridu jinkonkorru sitt elementi. Dawn l-elementi huma:

(a) l-attur irid ikun fil-pussess, almenu de facto u prima facie, tal-oggett li jkun qed jikkawtela (Vol. XX.II.338; XXXIII.II.201);
(b) il-konvenut ikun, bil-miktub, ressaq pretensjoni fuq dak l-oggett, l-ezercizzju ta' liema pretensjoni tkun ghad trid tigi (Vol. XXXIII.II.287; XLII.II.1146);
(c) il-pretensjoni trid tkun spontanea, u mhux provokata bl-agir tal-attur (Vo. XXIV.II.358; XXXI.I.494);
(d) il-pretensjoni jrid ikollha l-karattru li tista' tigi ezercitata b'azzjoni gudizzjarja (Vo. XXXIII.II.287);
(e) il-millantazzjoni jkollha skop determinabbli, specifiku jew kapaci li jigi specifikat (Vol. XXXIII.II287; XXXVI.III.632)
(f) il-pretensjoni m'ghandhiex tkun kondizzjonata, jew tiddependi minn fatt li jista' jigri u ma jigrix (Vol. XVI.II.85; XXI.II.6).

Fil-kuntest tat-tielet element, u cioe`, il-htiega tal-ispontaneata` tal-millantazzjoni, din il-Qorti tosserva li dan hu element diversi drabi ribadit mill-gurisprudenza. Hekk, fil-kawza, **Pellegrini Petit v. Sammut**, Vol. XXIV.II.358, intqal, b'approvazzjoni ta' dak li jghid il-gurista Rodolfino fuq il-materja, li "*allegazioni fatte in propria difesa in atti giudiziali dietro provocazione altrui, non possono servire di base al giudizio in jattanza*". Dan il-principju gie ndikat ukoll mill-prim' awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Grixti v. Borg**, deciza fit-22 ta' Ottubru 1982, fejn saret riferenza ghad-decizjonijiet riportati fil-Vol. III.189, XVI.II.337, XXIV.II.359, XXXII.I.645 u XLIII.II.1146.

Hekk ukoll fil-kawza, **Buhagiar v. Busuttil**, deciza mill-prim' awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Ottubru, 1999, intqal li "*meta l-attur mexxa jew gieb 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni, jew igib raguni ghaliex huwa qieghed jirrespingi dik il-pretensjoni, allura d-dikjarazzjoni ma tkunx izjed wahda spontanja, imma tassumi l-kwalita` ta' dikjarazzjoni ta'dritt provokata. Il-konvenut f'kazijiet bhal tal-ahhar ikun qed jezercita dritt tieghu*".

Il-provokazzjoni ssehh meta dak li jkun jasserixxi xi dritt fuq haga fil-pussess ta' haddiehor, bhal meta dak li jkun jippretendi li hu proprjetarju assolut ta' xi haga f'idejn terz.

Jekk it-terz jichad din il-pretensjoni u jghid li dik il-haga hi tieghu, dak li ressaq il-pretensjoni fl-ewwel lok ma jistax imexxi azzjoni ta' jattanza kontra t-terz, ghax l-asserzjoni ta' proprjeta` li jkun ghamel it-terz tkun giet ipprovokata bil-pretensjoni ta' dak li jkun.

F'dan il-kaz ma hemm xejn minn dan. L-attur ma ressaq ebda pretensjoni fuq xi haga tal-konvenuta. Kienet din tal-ahhar li harget bi pretensjoni li ghandha tigi kkumpensata ghad-danni personali li allegatament sofriet b'konsegwenza tal-incident li sehh f'Lulju tal-1996, u l-attur kull ma ghamel kien li cahad li hu responsabbli ghal allegata dizabbilita` pretiza mill-konvenuta. Il-konvenuta, flok ipprocediet b'kawza, baqghet tivvessa lill-attur b'ittra ufficjali b'mod li halliet il-materja pendenti ghal aktar min 10 snin. Kienet il-konvenuta, se mai, li pprovokat din il-kwistjoni, u l-attur ghandu dritt jitlob li dawn l-allegazzjonijiet jew jigu ppruvati fil-qorti jew jieqfu.

L-ittri ufficjali li ressqet il-konvenuta ma jistghux jitqiesu bhala atti mehtiega ghall-kawtela guridika tad-drittijiet taghha Il-pretensjoni taghha hi dik li hi, u hi naxxenti mill-incident li sehh f'Lulju tal-1996. Ma hemm xejn x'jigi ppreservat ghax ma jezisti ebda ostakolu legali biex il-konvenuta tipprocedi gudizzjarment. L-ittri ufficjali li resqet il-konvenuta huma mahsuba biex izommu hajja l-pretensjoni taghha billi jinterrompu z-zmien tal-preskrizzjoni, pero`, darba li l-kawza tista' titressaq, ma hemmx il-htiega ta' kawtela, ghax id-dritt li tippretendi li ghandha, hu azzjonabbli minghajr htiega ta' atti ulterjuri.

Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, tara li l-attur ghandu ragun imexxi b'din l-azzjoni, ghax hi l-uniku mod kif jista' jehles minn dawn il-pretensjonijiet fuq l-assi tieghu.

Dan l-aggravju tal-konvenuta qed jigi, ghalhekk, michud.

Kif inghad, quddiem din il-Qorti, il-konvenuta eccepiet li l-azzjoni tal-attur hi preskritta peress li ma saretx fi zmien sena kif irid l-Artikolu 403 imsemmi. Dan l-artikolu jrid li l-azzjoni ta' jattanza ssir fi zmien sena mill-istess

pretensjoni – jew mill-ahhar pretensjoni fir-rigward, kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Barbara v. Bonett**, deciza fit-28 ta' Novembru, 2008.

Qabel xejn, irid jigi deciz jekk dak it-terminu ta' sena huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew ta' dekadenza. Kif gie osservat minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **The Cargo Handling Co. Ltd. v. John Abela Ltd.**, deciza fis-7 ta' Lulju, 2003,

"Kif enuncjat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Sammut –vs- Notaro Edoardo Pellegrini Petit**", Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pI p276): "*quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu` ammissibile. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si trattera` di una decadenza*"."

It-terminu, f'dan il-kaz, jippreskrivi zmien li fih l-att ikun irid jigi kompjut. Jghid, fil-fatt, li l-parti li trid tehles mill-pretensjoni "tista' fi zmien sena mill-istess pretensjoni, titlob, b'rikors guramentat, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd,...". Hu car li l-ligi trid li l-azzjoni titressaq fi zmien sena, u bhala tali hu terminu perentorju jew ta' dekadenza.

Bhala terminu ta' dekadenza, l-eccezzjoni relattiva ma tistax tigi sollevata fi stadju ta' appell; anzi, kellha titqajjem *in limine litis*. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Aquilina v. JJ Scerri Co. Ltd**, deciza fit-30 ta' Jannar 2009, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:

"*Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, tezisti certament ir-riflessjoni fundamentali dwar kemm setghet l-eccezzjoni tal-perentorjeta` ta' azzjoni titqajjem in sede ta' appell. B'eccezzjoni bhal din, kieku nghatat fiz-zmien li kellha tinghata, u in limine litis, din kien ikollha l-effett li tistronka l-gudizzju in kwantu l-istess eccezzjoni hi perentorja*

*tieghu. Jigi li ghall-finijiet ta' l-istadju li fih kellha tigi sollevata din l-eccezzjoni dan kellu jkun dak bikri tal-contestatio litis quddiem it-Tribunal meta allura l-kontestazzjoni tkun giet radikata u formulata. Kif gja sa ricentement osservat din il-Qorti, kif presjeduta, fuq l-istess tema, "la dan ma sarx f'dak il-kaz dik l-eccezzjoni ghandha titqies rinunzjata (Kollez. Vol. XXXIII P I p 630) in kwantu din tippresupponi dik il-kondotta processwali li tevidenzja l-ezistenza ta' dik il-volonta univoka li l-appellanti ma riedx iqajjem dik l-eccezzjoni" ("Geswalda Saliba -vs- Mario Galea", Appell mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex), 9 ta' Lulju, 2008). Prettament, ghal din ir-raguni l-ewwel aggravju qed jitqies insostenibbli;"*

Fl-istess sens hija s-sentenza li tat din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2009. fil-kawza fl-ismijiet **Borg v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta` et**.

Fid-dawl tal-premess, l-aggravju tal-konvenuta marbuta ma' dan it-terminu ghandu jitqies insostenibbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' erbghin (40) jum iffissat mill-ewwel Qorti ghandu jibda jiddekorri millum.

Ghal kull buon fini, l-ewwel appell li ressqet il-konvenuta kontra l-istess sentenza preliminari fis-26 ta' Mejju 2010, ghandu jitqies null peress li tressaq minghajr l-awtorizzazzjooni mehtiega tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-appell ghandhom jithallsu mill-konvenuta appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------